**FIL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAGISTRAT DR JOSEPH CASSAR BA. LL.D.**

**Illum, 26 ta' April 2001**

**Rikors Nru: 7/01**

**Schembri Frans u Veronica Schembri**

**Vs**

**Alfred Caruana**

Il-Bord,

Ra r-rikors li jghid;

Illi huma jikru l' intimat il-fond konsistenti f' garage li jinsab fi Triq San Domenica, Zabbar, bil-kera ta' hamsa u tletin lira Maltin (Lm35) li jithallsu kull tliet xhur bil-quddiem, u l-kirja li ghaddejja bhalissa taghlaq fl-1 ta' Marzu 2001;

Illi l-intimat ilu ghal zmien twil jonqos li josserva l-kundizzjonijiet tal-kirja stante li ilu ma jhallas il-kera dovuta ghall-imsemmi fond zmien twil hafna, u cjoe mill-iskadenza tal-1 ta' Gunju 1999 u stante li l-fond mhux qed jintuza ghall-iskop li ghalih gie mikri peress li ilu ma jintuza iktar minn sentejn;

Illi l-intimat gie interpellat permezz ta' tliet ittri ufficjali sabiex ihallas l-arretrati ta' kera dovuti ghall-iskadenzi tal-1 ta' Gunju 1999, l-1 ta' Settembru 1999, l-1 ta' Dicembru 1999, l-1 ta' Marzu 2000, l-1 ta' Gunju 2000, l-1 ta' Settembru 2000 u l-1 ta' Dicembru 2000, izda baqa' inadempjenti;

Illi dawn it-tliet ittri ufficjali gew notifikati l' intimat fl-10 ta' Marzu 2000, fil-15 t' Ottubru 2000 u fit-12 ta' Dicembru 2000;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil dan il-Bord sabiex:

1) b' effett mill-ewwel skadenza li jmiss u dik cjoe ta' 1 ta' Marzu 2001 jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu l-pussess tal-fond mikri bhala garage fi Strada San Domenica, Zabbar wara li l-intimat jigi kkundannat jizgombrah fi zmien qasir u perentorju li jigu lilu prefiss;

2) jikkundanna 'l intimat ihallas l-ispejjez legali.

Ra li l-intimat debitament notifikat fil-5 ta' Marzu 2001 ma deherx ghas-seduta u lanqas ressaq risposta.

Ra li fis-seduta tal-llum deher ir-rikorrent Frans Schembri assistiti mill-avukat tieghu.

Ra l-art 30 tal-kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jilqa t-talba u jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu pussess tal-fond/ garage fi Triq San Domenica Zabbar; ghall-ghan ta' l-izgumbrament jaghti z-zmien ta' xahar mill-llum; l-ispejjez jithallsu mill-intimat.

Dep.Reg Magistrat